**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TAL-GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 30 ta' Mejju, 2018**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mario Fenech**
**(ID 182882(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Mario Fenech ta' 25 sena, iben Joseph u Josephine nee` Bezzina, imwieled fit-22 ta' Marzu 1982, residenti 'Paradise', Triq iz-Zinzel, Qormi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 182882(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-14 ta' Gunju 2007:

(a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzatat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond

ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(b) u aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi saq il-vettura JBI 612 mudell Mercedes Benz bi traskuragni kbira jew b'mod perikoluz.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba titratta ma' l-imputat talli huwa recidiv b'sentenza datata 16 ta' Jannar 2006 moghtija mill Magistrat Dr G Grixti LL.D. liema sentenza hija definittiva w ma tistax tigi mibdula w oltre minn hekk tiskwalifika lil Mario Fenech milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien ta' mhux anqas minn tlitt xhur ai termini tal-artikolu 15 sub inciz 2 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa fil-kawza sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u rat illi ghalkemm id-difiza talbet u giet koncessa zmien sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub, din in-nota baqghet ma gietx ipprezentata.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Waqt li PC 729 u PC 296 kienu qeghdin jaghmlu ronda nhar l-14 ta' Gunju 2007, ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija fl-inhawi ta' Hal Qormi, huma lemhu vettura tal-ghamla Mercedes Benz bin-numru ta' registrazzjoni JBI 612, li kellha l-hgieg *tinted*. Hekk kif dawn daqqew il-*horn* tal-vettura tal-pulizija sabiex jigbdu l-attenzjoni tax-xufier li riedu jkellmuh, din il-vettura instaqet minn fuq il-post b'velocita`, u minkejja li l-pulizija xeghlu s-sirena u baqghu jsegwu l-istess vettura, din baqghet ma waqfitx, izda kompliet issuq b'velocita`. Ftit tal-hin wara, il-vettura JBI 612 kellha tieqaf minhabba t-traffiku fi Triq Hal Luqa, Hal Qormi, izda qabel waqfet, PC 729 u PC 296 innutaw li mill-istess vettura kien intrema oggett min-naha tax-

xufier, li meta ngabar irrizulta li kien jikkonsisti f'borza kontenenti trab kannella. Irrizulta wkoll li din l-istess vettura, *left hand drive*, kienet qed tigi misjuqa mill-imputat Mario Fenech, filwaqt illi certu Jesmar Gafa`, minuri ta' hmistax-il sena, kien passiggier fl-istess vettura. Mill-vettura gew elevati *mobile phone* tal-ghamla Nokia, kif ukoll ammont ta' flus kontanti fis-somma ta' Lm422 u €20.[1] L-imputat gie arrestat u rrilaxxja stqarrija nhar il-15 ta' Gunju 2007, li fiha salv ghal zewg domandi dwar l-impjieg tieghu, huwa ghazel li ma jwegibx ghall-mistoqsijiet li sarulu, kif kellu kull dritt li jaghmel skont il-ligi.

**Ikkunsidrat ukoll**:

Illi f'dan il-kaz, id-difiza qed tissolleva l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* ai termini tal-Artikolu 527 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Giet esebita in sostenn ta' din l-eccezzjoni, vera kopja sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli, tal-21 ta' Frar 2008, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Mario Fenech'[2], mil-liema jirrizulta illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dak il-kaz huwa identiku ghal dak tal-imputat odjern.

Illi jirrizulta minn din is-sentenza, illi f'dak il-kaz, l-imputat gie akkuzat talli nhar l-14 ta' Gunju 2007, ghall-habta tat-tmienja u kwart ta' filghaxija, fi Triq Hal-Luqa Hal-Qormi, huwa saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBI 612 b'manjiera perikoluza, kif ukoll talli saq l-istess vettura b'giri aktar milli jmissu. Jirrizulta wkoll illi f'dak il-kaz, l-imputat irregistra ammissjoni ghal dawn l-imputazzjonijiet, gie misjub hati ai termini tal-Artikoli 15(1)(a) u (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 127 tal-Avviz Legali 128/1994 u gie kkundannat ghal piena konsistenti f'multa u ammenda u skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet xhur.

Jirrizulta ghalhekk illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat f'din l-istanza jirreferu ghall-istess jum u hin li fih kien qieghed isuq l-istess vettura JBI 612, bid-differenza illi f'din l-istanza l-imputat m'huwiex qieghed jigi akkuzat biss talli saq il-vettura tieghu bi traskuragni kbira u b'mod perikoluz, izda wkoll talli fl-istess jum, hin u lok, huwa kellu l-pussess aggravat tad-droga eroina.

---

[1] Ara x-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma, *a fol.* 52 *et seq* tal-process; ix-xhieda ta' PC 729 Kevin Decelis, *a fol.* 62 *et seq* tal-process u *a fol.* 115 *et seq* tal-process u x-xhieda ta' PC 296 Brian Farrugia, *a fol.* 71 *et seq* tal-process.
[2] *A fol.* 176 u 177 tal-process.

Id-difiza trattat dwar din l-eccezzjoni sollevata minnha fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2011[3], esebiet ukoll diversi sentenzi dwar l-istess punt[4] u in oltre pprezentat nota ta' sottomissjonijiet fis-17 ta' April 2015.[5] Da parti taghha, il-Prosekuzzjoni pprezentat nota ta' sottomissjonijiet fil-21 ta' Marzu 2011.[6]

Illi filwaqt li l-Prosekuzzjoni tishaq illi r-reat ta' sewqan perikoluz li dwaru gie mixli u misjub hati l-imputat huwa reat distint, kemm legalment kif ukoll fattwalment, mir-reat ta' pussess aggravat ta' droga eroina li bih qieghed jigi mixli f'din l-istanza, id-difiza ssostni illi l-imputazzjonijiet odjerni huma derivanti mill-istess fatti, li dwarhom l-imputat diga` nstab hati permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-21 ta' Frar 2008.

Illi huwa evidenti illi din il-Qorti hija prekluza milli titratta mal-imputat ghal darba ohra dwar ir-reat addebitat lilu ai termini tal-imputazzjoni (b) marbut mas-sewqan tieghu fid-data u l-hin li ghalih tirreferi din l-imputazzjoni in kwantu jirrizulta car mis-sentenza esebita illi huwa diga` tressaq quddiem din il-Qorti kif diversement preseduta dwar dan l-istess fatt u nstab ukoll hati ta' dan l-agir kriminuz u ghaldaqstant, b'applikazzjoni tal-Artikolu 527 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni, l-imputat ma setax jerga' jigi mixli mill-gdid dwar dan l-istess fatt.

Il-Qorti trid tikkunsidra jekk l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* ghandhiex tapplika wkoll ghall-imputazzjoni (a) migjuba kontra l-imputat, kif qed issostni d-difiza.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-23 ta' Jannar 2014, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs George Azzopardi</u>**:

"*Il-principju ta' ne bis in idem huwa rikonoxxut u trattat fil-Ligi taghna fl-Artiklu 527 tal-Kodici Kriminali u fl-Artiklu 39 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-Artiklu 527 jghid, "Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun suggett ghal kawza ohra". L-Artiklu 39(9) jghid, "Ebda persuna li turi li tkun ghaddiet proceduri quddiem xi Qorti kompetenti ghal reat kriminali u jew tkun giet misjuba hatja jew liberata ma ghandha terga tghaddi proceduri ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghet tigi*

[3] A fol. 45 et seq tal-process.
[4] Ara a fol. 22 et seq tal-process.
[5] A fol. 179 et seq tal-process.
[6] A fol. 43 et seq tal-process.

*misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat hlief wara ordni ta' Qorti Superjuri moghti matul il-kors ta' appell jew proceduri ta' rivizjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' htija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma ghandha tghaddi proceduri ghall-reat kriminali jekk turi li tkun hadet il-mahfra ghal dak ir-reat . . . .".*

*...*

*L-ewwel Qorti tidher illi tat tifsira pjutost wiesgha ghall-fatt illi persuna tkun akkuzata ghall-istess fatt li tkun suggetta ghal kawza ohra, fil-fatt fis-Sentenza taghha qalet, "Illi ma hemmx id-dubju illi r-reati li dwarhom instab hati l-imputat fis-Sentenza tat-18 ta' Gunju, 2010 u r-reati li dwarhom huwa jinstab akkuzat illum kollha jirreferu ghall-istess incident u cioe` l-istess fatti li sehhew fl-24 ta' Jannar, 2009."  Din il-Qorti tirrileva illi filwaqt illi tista tifhem illi hawn si tratta ghal dan l-istess incident zgur pero' mhux ghall-istess fatti*. [sottolinear mizjud]

*...*

*Dak illi gara fl-24 ta' Jannar, 2009 meta gie arrestat l-appellat jirreferi ghal zewg reati nettament distinti u separati minn xulxin.  Wiehed jirreferi ghall-lottu klandestin u l-iehor jirreferi ghat-tehid tad-droga.  Il-fatti u l-provi li jirreferu ghal wahda zgur ma jirreferux ghall-iehor.  Hekk insibu illi fil-kaz tal-lottu klandestin il-provi jirreferu ghad-dokument, kotba, notamenti u flus illi nstabu fuq l-appellat dakinhar illi gie arrestat.  Il-provi illi jirreferu ghall-akkuza kontra l-Ordinanza tal-Medicini Perikoluzi jirreferi ghan-nuqqas ta' awtorizazzjoni ghal pusses ta' din id-droga u l-kwantita taghha u c-cirkostanzi illi kienet fil-pussess ta' l-appellat.  L-ewwel Qorti gustament ikkwotat il-kawza "Sua Maesta il-Re vs Agatha Mifsud u Carmelo Galea" (15 ta' Gunju, 1918) fejn ikkwotat gurisprudenza Ingliza u cioe` "The true test by which the question whether such a plea (ie autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second endowment would have been sufficient to proof a legal conviction upon the first." F'dan il-kaz zgur li ma jistax jinghad illi l-provi migbura fit-tieni process, cioe` dan il-kaz kellhom ikunu bizzejjed sabiex jippruvaw htija dwar l-ewwel reat, dak ta' lottu klandestin. Ghalhekk ma nistghux nghidu illi hawnhekk si tratta ta' l-istess fatti u l-Artiklu 527 tal-Kodici Kriminali ma japplikax. Ghal dak li jirrigwardja l-Artiklu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-kliem testwali illi jorbot kollox huwa, "Ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat ...". L-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata lil din id-dicitura hi li persuna ma tistax tingieb il-Qorti twiegeb ghall-akkuzi li dwarhom diga ghadda ingudikat jekk l-akkuzi l-godda setghu jigu nkorporati, involuti jew alternattivi ghall-ewwel*

akkuza. *Per ezempju jekk ghall-istess fatt persuna tigi misjuba hatja ta' serq ma tistax tigi mresqa f'kawza ohra ghall-istess fatt din id-darba akkuzat b'misapproprazzjoni. Jghodd ukoll l-ezempju li gab l-Avukat Generali meta persuna tkun mixlija bir-reat ta' tentattiv ta' omicidju f'kaz wiehed u ghall-istess cirkostanzi u fatt ikun mixli f'kaz iehor ghal ferita gravi u dana peress illi wiehed huwa kompriz u nvolut fl-iehor. Forsi ghall-ahjar soluzzjoni ta' din il-vertenza jkun ghaqli illi l-Qorti tirrikorri ghall-origini ta' din id-dicitura ne bis in idem u cioe' ghad-dritt Roman fejn dana jghallem illi, "Nemo debet bis vexari si constat curie quodsit pro una et eadem causa" Hadd ma ghandu jigi pprocessat darbtejn jekk jigi ppruvat lill-Qorti jekk dana huwa, "For one and the same cause". Taht l-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma nistghu nghidu illi l-akkuza kontra l-lottu klandestin hija l-istess bhall-akkuza kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Kif ga nghad ghad illi dan l-incident huwa wiehed il-persuna hija wahda pero' l-fatti li jirrigwardjaw akkuza minnhom huma ferm differenti mill-fatti illi jirrigwardjaw it-tieni akkuza u zgur illi hawnhekk m'ghandniex one and the same cause."* [sottlinear mizjud]

Ezami akkurat ta' dan il-principju sar ukoll minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et** tal-5 ta' Novembru 2012 fejn inghad hekk dwar l-applikazzjoni tan-*ne bis in idem*:

*"Illi l-principju tan-ne bis in idem jinsab imhaddan mhux biss fid-dritt penali taghna u cioé fil-Kodici Kriminali izda ukoll fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Hemm distinzjoni netta bejn dana il-principju kif inhu imhaddan fil-Kodici Kriminali u dak imhares mill-Kostituzzjoni taghna, kif ukoll distinzjoni ma' dak dikjarat fir-raba' artikolu tas-Seba Protokol tal-Konvenzjoni. Mentri Artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirreferi ghall-"istess fatt", Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jirreferi ghall-"[istess] reat".*

*…*

*… l-Kodici Kriminali jippostula zewg elementi importanti: fl-ewwel lok, irid ikun hemm sentenza fejn l-imputat jigi liberat mill-akkuzi u, fit-tieni lok, illi l-istess persuna ma tigix sottoposta ghal proceduri godda dwar l-istess "fatt" (u mhux l-istess "reat"). A rigward il-kriterji rikjesti mill-Artikolu 527, jirrizulta illi l-imputati tal-kawza odjerna huma l-istess imputati tas-sentenza tat-23 ta' April 2012. Diga gie sottolineat aktar qabel fejn tinsab id-differenza bejn iz-zewg kawzi. Jirrizulta li l-imputazzjonijiet originali, ghajr ghal tnejn (li thallew barra), gew trasportati fil-kawza odjerna u d-differenza bejn l-akkuza li ghaddiet in gudikat u*

*dik odjerna hija li f'din ta' l-ahhar il-hin huwa "fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 t'Ottubru 2009 ghall-habta ta' xi t-tlieta u nofs ta' fil-ghodu" mentri fil-kaz deciz f'April 2012, l-akkuza kienet: "fil-25 ta' Ottubru 2009 ghall-habta ta' xi l-hdax ta' fil-ghaxija". Ghalhekk dak li din il-Qorti trid tiddeciedi dwaru huwa jekk dawn iz-zewg akkuzi jammontawx ghall-istess "fatt" skond id-dispost talArtikolu 527 tal-Kapitolu 9.*

*Illi fin-noti tieghu, il-Profs Mamo jghid hekk:*

*"But it must be strongly emphasised that for the plea to succeed the fresh proceedings must be based on the very same fact. (Cr. App. "Pol. vs. Piscopo" 21/3/1953)".*

*Illi l-Profs Mamo jghid ukoll is-segwenti:*

*"What is particularly essential is to have a notion of what the law means by the same fact. In "Rex vs. Agata Mifsud et" (15/5/1918) Law Reports, Vol. XXIII, p. 1, p. 1077, H.M.'s Criminal Court said: "Per giudicare se si tratti di fatti identici o diversi, bisogna esaminare se il corpo del delitto rimanga lo stesso, pur cambiandosene la qualificazione, o in altri termini, se la materialita' del fatto rimane inalterata malgrado la diversa qualificazione legale che gli venga attribuita". In other words, if the fact on which the subsequent charge is made is the same as that in respect of which the previous judgment was given, the plea lies notwithstanding that the subsequent charge is an offence different from that charge in the previous trial".*[7]

*Illi fil-kawza fl-ismijiet* **Il-Pulizija vs Anthony Vella et**[8]*, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:*

*"Bl-espressjoni l-istess att wiehed ghandu jifhem il-fatt fizikament rigwardat konsistenti ghalhekk kemm fl-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tieghu. Mhux bizzejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oggett: Hekk per ezempju min f'okkazzjoni partikolari jaghmel hsara volontarja fuq proprjeta` ta' haddiehor u f'okkazzjoni ohra jerga' jaghmel l-istess tip ta' hsara fuq l-istess proprjeta` ma jista' bl-ebda mod jecepixxi r-res judicata."*

---

[7] Hawnhekk il-Qorti kienet qeghda ticcita min-*Notes on Criminal Procedure, a fol.* 43-44.
[8] Deciza fid-19 ta' Frar 1999.

*Illi ta' min jinnota li fil-kaz* **Il-Pulizija vs. Joseph Cini**, *deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju 1996, il-Qorti trattat l-eccezzjoni ta' ne bis in idem f'reat li sehh ftit hin qabel reat iehor li kien ghadda in gudikat. Kif irriteniet dik il-Qorti: "l-imputazzjonijiet f'dik is-sentenza l-ohra jirreferu ghal incident li gara qabel, ghalkemm fl-istess gurnata, u fl-istess lock up, cioé ghall-incident li sehh xi siegha u nofs (1.30pm) ta' wara nofs inhar".*

*Dik il-Qorti ghalhekk iddecidiet li l-fatti ma kienux l-istess.*

*…*

*Illi f'kaz simili hafna ghal dak odjern, cioé il-kaz* **Il-Pulizija vs. Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin**, *il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali laqghet l-eccezzjoni ta' ne bis in idem in segwitu ta' bidla fil-hin ta' meta allegatament sehhew l-imputazzjonijiet kontra l-imputat.*"

In segwitu ghal din id-decizjoni, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tas-17 ta' Marzu 2008 irreferiet ghat-test applikat fis-sentenza fil-kawza **Sua Maesta' il-Re vs Agata Mifsud e Carmelo Galea** [15.6.1918], fuq citata, izda ddecidiet li l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* ma kinitx tapplika f'dan il-kaz u b'hekk irrevokat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Sussegwentement, l-imputat f'dik il-kawza ressaq l-ilment tieghu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali li ddecidiet li kien hemm lezjoni tad-drittijiet tieghu meta gie sottopost ghall-proceduri godda dwar l-istess reati li dwarhom kien diga` gie akkuzat u anke lliberat mill-Qorti. Fis-sentenza taghha, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin** tas-26 ta' Marzu 2009, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) qalet hekk:

*"Illi huwa wkoll stabilit[9] li l-principju tan-ne bis in idem imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process.*

*[...]*

*Illi [...] dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jaghti harsien usa lill-persuna mixlija minn dak moghti mill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, sewwa sew ghaliex jgholli l-eccezzjoni tan-ne bis in idem ghall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur*

---

[9] Kost. 4.8.1999 fil-kawza fl-ismijiet Fenech vs. Avukat Generali (Kollez. Vol: LXXXIII.i.213).

*quddiem qorti kriminali ghandha l-jedd tirrikorri ghall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali.*

*[...]*

*Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eccezzjoni tan-ne bis in idem fil-qasam tad-dritt penali taht l-ordinament guridiku taghna, wiehed iqies li jehtieg jintwera li l-persuna li tkun tqieghdet taht akkuza ohra trid tkun l-istess wahda li kienet tqieghdet taht l-ewwel procedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt.*

*[...]*

*Illi fil-qasam tad-dritt penali jidher li huwa principju accettat li, bi thaddim tar-regola ne bis in idem: "The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act."*[10]

*Illi din il-Qorti tifhem li jekk kemm-il darba t-tifsira moghtija lill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali hija b'mod tali li izzomm milli persuna terga' titressaq mixlija dwar fatt li dwaru kienet diga' tressqet taht procedura li ntemmet b'sentenza li saret gudikat, wiehed jistenna li t-thaddim tar-regola migjuba fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ghandu jkun jghodd izjed biex ihares dak il-jedd. Fi kliem iehor, il-garanziji kostituzzjonali ma jistghux ikunu applikati b'xehha jew b'anqas qawwa meta mqabblin mal-garanziji li taghti l-ligi ordinarja kif tinsab fil-Kodici Kriminali".*

Kompliet hekk il-Qorti fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et</u>** b'referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali appena citata:

"*Illi jkun ghaqli li ssir riferenza ghal dak li qalet il-Qorti fis-sentenza t'hawn fuq, meta din ghamlet riferenza diretta ghal dak li kellha quddiemha. Il-Qorti qalet:*

*"Illi meta wieħed iqabbel l-akkużi mressqin kontra l-imputat fl-ewwel procedura ma' dawk li qegħdin jitressqu issa fit-tieni procedura, wieħed għandu jsib li l-akkużi kollha f'din it-tieni procedura kienu msemmija, kelma b'kelma, fl-ewwel akkuża (liema Taħrika kellha tliet imputazzjonijiet oħra li ma jiffigurawx fit-tieni*

[10] App. Krim. Inf. 15.11.1941 fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Baldacchino vs Giuseppe Buhagiar** (kif imsemmija fil-ktieb "Recent Criminal Cases Annotated" tal-Prof. W. Harding).

*procedura). Id-dispożizzjonijiet tal-ligi msemmija fiż-żewg Taħrikiet huma l-istess fejn jirrigwarda l-akkużi komuni. Il-fatt li għalih jirreferu ż-żewg Taħrikiet huwa l-istess.*

*Illi din il-Qorti tislet il-fehma li l-imputat għandu ragun iħoss li, bit-tieni proċediment li qiegħed jgħaddi minnu, qed iseħħ ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni. Meta wieħed iqabbel l-akkużi li kellu fl-ewwel proeediment ma' dawk li tressqu kontrih fil-proċediment attwali, wieħed isib li ċ-ċirkostanza ewlenija li tagħżel bejn tal-ewwel u tat-tieni hija l-ħin li fih allegatament seħħ il-każ. <u>Din il-Qorti hija tal-fehma li l-elementi kostitutivi (l-"elementi essenzjali"), jigifieri kemm dak materjali (l-"actus") u kemm dak formali (il-"mens") tar-reati ipotiżżati fiż-żewg akkużi kontra r-rikorrent, jixxiebhu f'kollox.</u> Il-ħin m'huwiex element kostitutiv tagħhom, u l-istess reati – jekk ippruvati kif imiss – jitqiesu bl-istess mod indipendentement mill-ħin li fih twettqu. Lanqas ma jidher li huwa l-każ li l-ħin jikkostitwixxi xi element aggravanti ta' dawk ir-reati, iżda huwa biss ċirkostanza oħra li trid tirriżulta kif imiss biex torbot lill-persuna akkużata mal-fatt tal-grajja nnifisha.* [sottolinear mizjud]

*Illi l-Avukat Generali jisħaq li d-differenza fil-ħin bejn dak imsemmi fl-ewwel akkuża (li minnha r-rikorrenti nħeles) u dak imsemmi fit-tieni akkuża (li dwarha tressqet din ir-Riferenza) jagħmel non-"idem" għaliex jgħid li l-ħin tant kien element krucjali, li minħabba n-nuqqas ta' indikazzjoni tajba tiegħu r-rikorrent inħeles mill-akkużi migjuba kontrih. Din il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-argument, l-iżjed meta tkejlu mal-kriterji gurisprudenzjali msemmija aktar 'il fuq dwar x'jikkostitwixxi l-identita' tal-akkuża għall-finijiet tar-regola hawn mistħarrga.*"

Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et</u>**, din il-Qorti kif diversament preseduta ghamlet referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Christian Grech</u>** tal-14 ta' Mejju 2012, fejn intqal hekk:

"*Id-difiza tissottometti li hemm 'overlapping' bejn qligh li gej mill-prostituzzjoni (li jkun parti mir-reat) u l-money laundering. Izda bir-rispett kollu dan mhux legalment korrett. Fil-Money Laundering, wiehed ikun akkuzat li kkonverta jew ittrasferixxa propjeta` li kien jaf li gejja mir-rikavat ta' attivita` kriminali jew li heba jew wera haga b'ohra tal-vera xorta, provenjenza, lok dispozizzjoni ta' propjeta` li jkun jaf li gejja direttament jew indirettament minn attivita` kriminali. U l-ligi tipprospetta tliet sitwazzjonijiet ohra ta' kif jista' jsir il-hasil tal-flus. Mela jekk wiehed ghandu traffikar ta' persuni jew qed jghix minn fuq il-prostituzzjoni mhux ekwivalenti ghal li jaqbad dak il-qligh u jittrasferih jew jahbih jew jaghtih lil*

*haddiehor biex izommhulu. Is-sustanza tat-tieni reat hija għal kollox differenti mis-sustanza tal-ewwel reat. Isegwi li m'hemm ebda overlapping bejn ir-reat li bih huwa akkużat l-akkużat innifsu fi proċeduri oħrajn u r-reat tal-money laundering. Il-fatti huma għal kollox differenti u la l-fatti huma differenti għal kollox m'hemmx każ ta' 'ne bis in idem'".*

**Ikkunsidat:**

Fermi dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' natura legali, din il-Qorti ma tikkondividix l-interpretazzjoni tad-difiza illi f'dan il-kaz issib applikazzjoni l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* b'referenza mhux biss ghall-imputazzjoni (b) izda anke ghall-imputazzjoni (a) addebitata lill-imputat odjern.

Huwa car fl-ewwel lok illi l-imputazzjoni rigwardanti l-pussess ta' droga ma tikkontemplax l-<u>istess reat</u> li tikkontempla l-imputazzjoni rigwardanti s-sewqan. Dak li jrid jigi determinat ghalhekk huwa jekk dawn ir-reati diversi u distinti gewx addebitati lill-imputat a bazi tal-<u>istess fatti</u>.

Illi b'referenza ghas-sentenzi citati izjed 'il fuq, huwa evidenti illi ghalkemm l-<u>incident kien wiehed</u>, u cioe` dak li sehh fl-14 ta' Gunju 2007, il-fatti li taw lok ghall-imputazzjoni dwar ir-reat tal-pussess ta' droga ma humiex l-istess fatti li taw lok ghall-imputazzjonijiet dwar is-sewqan, li dwarhom l-imputat ammetta l-htija fil-kaz deciz fil-21 ta' Frar 2008. Minkejja li hawnhekk si tratta dwar l-istess incident, zgur ghalhekk illi mhux ghall-istess fatti. Iz-zewg reati u anke l-fatti li jsawwruhom huma kompletament distinti u separati minn xulxin u certament illi ma jistax jinghad illi l-provi migbura f'dan il-process ossia fil-kaz tal-lum, kellhom ikunu bizzejjed sabiex juru l-htija tal-imputat fil-process l-iehor. F'dak il-kaz, il-pern tal-kwistjoni kollha kienet is-sewqan perikoluz tal-imputat, mentri fil-kaz odjern, il-prova mehtiega mill-Prosekuzzjoni kienet ben diversa u distinta, konsistenti fil-fatt illi l-imputat kien ukoll fil-pussess tad-droga eroina. Is-sewqan perikoluz o meno tal-imputat m'ghandu x'jaqsam xejn mal-imputazzjoni (a) li qieghed iwiegeb ghaliha fil-kaz tal-lum. Kif inghad fis-sentenza esebita mid-difiza[11], fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Philip Ciantar</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Dicembru 1961:

"*Ghalkemm hu veru li bil-kelma "fatt" il-ligi tintendi mhux biss il-fatt sempliciment storiku jew naturali, imma anke guridiku, b'mod illi, jekk il-fatt naturali jaghti lok ghal diversi mputazzjonijiet, id-deduzzjoni ta' titolu ta' reat*

[11] *A fol.* 32 *et seq tal-process.*

*wiehed hija ta' ostakolu ghad-deduzzjoni ta' titolu ta' reat iehor fuq l-istess fatt, hu ugwalmentu veru, pero`, li, jekk il-fatt naturali hu divers, allura ma jistghax ikun hemm lok ghall-"non bis in idem".*

Ghal dawn ir-ragunijiet, fil-waqt illi jirrizulta car illi l-eccezzjoni *ne bis in idem* tapplika fir-rigward tal-imputazzjoni (b), il-Qorti ma tqisx illi jikkonkorru l-elementi mehtiega sabiex tirnexxi din l-eccezzjoni dwar l-imputazzjoni (a) u ghaldaqstant in kwantu l-imputazzjoni (a), din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Sorvolata din l-eccezzjoni, il-Qorti sejra tghaddi sabiex tikkunsidra l-kawza fil-mertu.

Jinghad fl-ewwel lok illi l-Qorti qeghda tqis bhala prova inammissibbli l-istqarrija tal-imputat Mario Fenech[12], rilaxxjata minnu fil-15 ta' Gunju 2007 u ghalhekk, fiz-zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna arrestata d-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogazzjoni taghha. Dan id-dritt dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviz Legali 35/2010 u l-posizzjoni legali dwar tali stqarrijiet, illum hija wahda cara. Bizzejjed illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor** tal-1 ta' Dicembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali *ossia* **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Gunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u ghaddiet sabiex tiddeciedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement".* Ghaldaqstant, l-istqarrija tal-imputat qeghda tigi skartata.

Il-prosekuzzjoni ressqet bhala xhieda in sostenn tal-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat lil PC 729 Kevin Decelis u lil PC 296 Brian Farrugia, liema ufficjali tal-pulizija, kif inghad izjed 'il fuq, kienu fil-vettura li avvicinat u sussegwentement segwiet il-vettura misjuqa mill-imputat Mario Fenech. Entrambi x-xhieda jiddeskrivu kif dakinhar tal-14 ta' Gunju 2007 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija

[12] Din tinsab esebita *a fol.* 3 *et seq* tal-process.

kienu qeghdin jaghmlu ronda, meta lemhu vettura li kellha *tint* skur fuq il-hgieg u kif, meta avvicinaw din il-vettura sabiex ikellmu lix-xufier, dan saq u ghalhekk gie insegwit mill-istess pulizija sakemm il-vettura JBI 612 waqqfet fi Triq Hal Luqa, Qormi peress li kien hemm it-traffiku. Qabel din waqfet, madankollu, intrema oggett min-naha tax-xellug tal-vettura, liema oggett sussegwentemet ingabar mill-istess pulizija, f'liema waqt irrizulta illi dan kien jikkonsisti f'borza li kienet tikkontjeni trab kannella.

PC 729 gharaf lill-imputat bhala x-xufier tal-vettura JBI 612 u jghid illi waqt l-insegwiment, huma baqghu l-hin kollu ezattament wara l-vettura tieghu. In kontro-ezami, ix-xhud jghid illi *"rajnieh johrog idejh u jarmi xi haga imma ma stajniex nieqfu biex naraw x'hemm u nibqghu niffolojawh"*[13], ghalkemm jghid ukoll illi d-distanza minn fejn finalment waqfu sa fejn instab il-pakkett kien biss ta' tul ta' cirka seba' vetturi.

Ghalkemm id-difiza tipprova tqajjem dubju dwar min miz-zewg okkupanti tal-vettura kien rema' l-borza, iz-zewg ufficjali tal-pulizija jikkonfermaw illi l-vettura misjuqa mill-imputat kienet *left hand drive*, illi l-borza in kwistjoni ntremiet minn naha tax-xellug u li s-sewwieq kien Mario Fenech ossia l-imputat odjern. PC 729 jiddeskrivi lill-persuna prezenti fil-vettura bhala *"Mario Fenech u tifel zghir"*[14] u xehed illi l-id li huwa kien ra tarmi l-borza kienet *"Id ta' adult mhux ta' tifel zghir"*[15] u dan fil-waqt li kkonferma wkoll illi *"Mario Fenech kien fuq in-naha tad-driver, fuq il-left hand side u z-zghir kien il-passiggier"*.[16]

Ix-xhud Jesmar Gafa` ukoll jikkonferma illi dakinhar huwa kien passiggier fil-vettura tal-ghamla Mercedes misjuqa mill-imputat meta gew imwaqqfa mill-pulizija[17] u jghid hekk: *"qas ccaqlaqt. Jien rajt is-sirena tixghel u qalli minix ser nieqaf minhabba t-tinted u ghax konna bla seatbelt."*[18]

Il-Qorti tqis mill-assjem tal-provi illi ma kien hadd ghajr l-imputat odjern li rema l-borza kontenenti t-trab kannella mill-vettura li kien qieghed isuq, hekk kif induna li ma setax ikompli jahrab mill-pulizija li kienu qeghdin isegwuh minhabba t-traffiku. Konsegwentement, kien l-istess imputat li kellu fil-pussess tieghu din l-istess borza.

[13] *A fol*. 68 tal-process
[14] *A fol.* 116 tal-process.
[15] *A fol.* 116 tal-process.
[16] *A fol.* 120 tal-process.
[17] *A fol.* 156 tal-process.
[18] *A fol.* 158 tal-process.

Mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud[19] jirrizulta illi huwa nghata *envelope* bil-kliem *"Dok DT5, droga 27/6/11, 88/09, Sp. D. Theuma vs Mario Fenech, S/B/279/2011"* ghall-analizi tieghu, liema *envelope* kien jikkontjeni borza zghira tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm trab ta' lewn kannella. L-istess espert ikkonkuda illi fl-istess trab f'ammont nett totali ta' 4.90 grammi, instabet is-sustanza eroina, b'purita` ta' cirka 31.4%.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-imputazzjoni (a), l-imputat qed jigi akkuzat bil-pussess tad-droga eroina, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*" U kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-*

[19] Din tinsab esebita *a fol.* 132 tal-process.

*gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Kif inghad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

" *... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101.*"

U kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Abela**, tat-8 ta' April 2005, mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna dwar ir-reat ta' pussess aggravat, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni illi meta tinstab droga f'ammont konsiderevoli, jekk tinghata raguni ghall-presenza qawwija tad-droga li tkun tissodisfa lill-Qorti, allura r-reat ta' pussess aggravat ma jkunx gie ippruvat. F'dak il-kaz, l-ammont ta' trab in kwistjoni li kien jikkontjeni l-eroina kien ta' 5.946 grammi u l-Qorti qieset li dan kien ammont konsiderevoli.

Illi m'hemmx dubbju mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat kien fil-pussess tad-droga eroina. Ai termini tar-rapport tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, il-piz tat-trab kontenenti l-eroina kien ta' 4.90 grammi, b'purita` ta' 31.4%. Id-droga kienet tinsab f'borza wahda.

Fil-fehma tal-Qorti, ammont ta' 4.90 grammi huwa ammont sinjifikanti, li minnu wiehed johrog cirka 49 qartas b'piz ta' 0.1 grammi[20] u m'huwiex tali li wiehed normalment jassocjah ma' uzu esklussiv da parti tal-pussessur. Ghalhekk f'dan il-kaz, ai termini tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna, kien jispetta lill-imputat li juri, imqar sal-grad tal-probabbli, illi dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu. Madankollu, kull ma jirrizulta fl-atti f'dan ir-rigward, hija x-xhieda tal-Ufficjal tal-*Probation* illi tghid illi sas-sena 2016, hija kienet qed issegwi lill-imputat fuq Ordni ta' *Probation* ghal zmien tmintax-il xahar in konnessjoni ma' pussess ta' droga eroina u illi l-imputat qalilha illi fil-passat kien hemm perjodu fejn huwa

[20] Ara f'dan is-sens ukoll ix-xhieda tal-Ispizjar Mario Mifsud, *a fol*. 130 tal-process.

kien jabbuza mid-droga kokaina u eroina, kif ukoll illi f'dan il-perjodu kaotiku ta' hajtu, il-familja tieghu kienet tatu l-appogg taghha u ghenitu sabiex johrog mill-vizzju. Il-Qorti ghalhekk la ghandha hjiel dwar il-perjodu li fih l-imputat kien juza d-droga u lanqas dwar kemm kien juza droga. Id-difiza ressqet biss lill-Ufficjal tal-*Probation* bhala prova sabiex turi illi l-imputat kien f'xi zmien jabbuza mid-droga eroina u xejn izjed. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt illi d-difiza gabet biss din il-prova, ikkunsidrat mill-banda l-ohra, l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tal-imputat u li huwa kien qieghed barra b'din id-droga kollha fil-pussess tieghu, ma jurix sal-grad tal-probabbli, illi tali ammont kien intiz esklussivament ghall-uzu personali tieghu, izda jwassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni illi l-pussess ta' tali droga kien wiehed aggravat.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (a) giet sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Finalment, il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala recidiv b'sentenza tas-16 ta' Jannar 2006 moghtija minn din il-Qorti kif preseduta mill-Magistrat Dr. G. Grixti. F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza datata 16 ta' Jannar 2006, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Mario Fenech' u deciza minn din il-Qorti kif preseduta mill-Magistrat Dr. Giovanni Grixti.[21] Jirrizulta minn din is-sentenza illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dak il-kaz huwa identiku ghan-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat odjern u ghaldaqstant il-Qorti hija sodisfatta illi din is-sentenza nghatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern. Jirrizulta illi permezz ta' dik is-sentenza, l-imputat gie kkundannat ghall-hlas ta' multa u ta' ammenda. Mill-atti ma jirrizultax madankollu illi din il-piena giet skontata ossia mhallsa ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 u ghaldaqstant, l-imputat qed jitqies biss bhala recidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9.

## Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tal-kaz odjern. Ghalkemm il-Qorti ordnat lill-Prosekuzzjoni sabiex tesebixxi l-fedina penali aggornata tal-imputat, din baqghet ma gietx esebita.

Tqis ukoll ic-cirkostanzi tal-kaz u l-ammont ta' droga eroina li nstabet fil-pussess tal-imputat.

---

[21] Din tinsab esebita *a fol.* 58 *et seq* tal-process.

Tqis in oltre ix-xhieda tal-Ufficjal tal-*Probation*, mil-liema jirrizulta illi testijiet tal-kampjuni tal-urina tal-imputat rrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti u illi sa Marzu 2016, huwa kellu mpjieg fiss.

Tqis ukoll fir-rigward tas-somma misjuba fil-pussess tal-imputat illi ghalkemm l-imputat qed jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni u ghalkemm din is-somma nstabet ukoll fil-vettura tieghu, biss ma tirrizulta l-ebda prova ohra mill-atti li tista' twassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni, fil-grad rikjest mil-ligi, illi tali somma kienet gejja mill-bejgh tad-droga. Ghaldaqstant, il-Qorti qed tordna r-rilaxx tal-istess somma lill-imputat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt illi qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni (b) migjuba kontra l-imputat, qed issibu hati tal-imputazzjoni (a) u tal-addebitu tar-recidiva u tikkundannah ghall-piena ta' tmien xhur (8) prigunerija effettiva u multa ta' elf ewro (€1,000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-iskwalifika ta' Mario Fenech milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-esperti mahtura fil-mori ta' dawn il-proceduri ossia l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti ghas-somma ta' tlett mija, hamsa u sittin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€365.88), l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' PS 659 Jeffrey Hughes ammontanti ghas-somma ta' ghoxrin ewro, hamsa u tletin centezmu (€20.35) u dawk konnessi mar-relazzjoni ta' l-espert Dr Martin Bajada ammontanti ghas-somma ta' tlett mija, wiehed u tmenin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€381.47). Dawn l-ispejjez ammontanti b'kollox ghas-somma ta' seba' mija,

sebgha u sittin ewro u sebghin centezmu (€767.70) ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien tliet xhur mil-lum.

Tordna in oltre ir-rilaxx tas-somma esebita bhala Dokument DT4 konsistenti fis-somma ta' erba' mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin (Lm422) u ghoxrin ewro (€20), sussegwentement depozitati taht l-awtorita` ta' din il-Qorti f'forma ta' *bank draft* mahrug mill-Bank Centrali fis-somma ta' disa' mija, tlieta u tmenin ewro (€983) ekwivalent ghall-imsemmija Lm422, kif ukoll karta tal-ghoxrin ewro (€20) u r-rilaxx tal-*mobile phone* esebit bhala Dokument DT3, favur il-hati. Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument DT5, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat